

Permezz ta' digriet tal-11 ta' Lulju 2022, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla tal-Ammissjoni tal-Appelli) iddeċidiet li l-appell huwa inammissibbli u li Laboratorios Ern, SA għandha tbatli l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fis-17 ta' Marzu 2022 – Lineas – Concessões de Transportes SGPS, S.A. vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-207/22)

(2022/C 318/28)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Lineas – Concessões de Transportes SGPS, S.A.

Konvenut: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domanda preliminari

Kumpannija holding (SGPS) li għandha bħala l-għan esklużiv tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra, bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, u li, f'dan il-kuntest, takkwista u tippossjedi dawn l-ishma fit-tul, bħala regola mhux inferjuri għal 10 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji li tagħhom iżżomm l-azzjonijiet, fejn l-attività ta' dawn il-kumpanniji tidħol fil-qafas tal-ġestjoni tal-infrastruttura ta' trasport, li jinkludi l-konċepiment, il-kostruzzjoni u l-ġestjoni tat-toroq/awtostradi, tista' titqies li hija "istituzzjoni finanzjarja" skont it-tifsira tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ⁽¹⁾ u tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽²⁾?

⁽¹⁾ ĠU 2013, L 176, p. 338, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1, u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95.

⁽²⁾ ĠU 2013, L 176, p. 1, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6, u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD) (il-Portugall) fl-20 ta' April 2022 – Global Roads Investimentos SGPS, Lda vs Autoridade Tributária e Aduaneira

(Kawża C-267/22)

(2022/C 318/29)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal Arbitral Tributário (Centro de Arbitragem Administrativa – CAAD)

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Global Roads Investimentos SGPS, Lda

Konvenut: Autoridade Tributária e Aduaneira

Domanda preliminari

Kumpannija holding (SGPS) li għandha s-sede tagħha fil-Portugall, irregolata mid- Decreto-Lei (Digriet Liġi) Nru 495/88 tat-30 ta' Diċembru 1988, li għandha bħala l-uniku għan tagħha l-ġestjoni ta' azzjonijiet ta' kumpanniji oħra bħala forma indiretta ta' eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, u li, f'dan il-kuntest, takkwista u tippossjedi dawn l-ishma fit-tul, bħala regola mhux inferjuri għal 10 % tal-kapital azzjonarju tal-kumpanniji li tagħhom iżżomm l-azzjonijiet, li la jagħmlu parti mis-settur tal-assigurazzjonijiet u lanqas mis-settur finanzjarju, taqa' taħt il-kunċett ta' "istituzzjoni finanzjarja" msemmi fil-punt 22 tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE ⁽¹⁾ u fil-punt 26 tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ⁽²⁾

⁽¹⁾ ĠU 2013, L 176, p. 338, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 73, fil-ĠU 2017, L 20, p. 1, u fil-ĠU 2020, L 203, p. 95.

⁽²⁾ ĠU 2013, L 176, p. 1, u r-rettifiki fil-ĠU 2013, L 208, p. 68, fil-ĠU 2013, L 321, p. 6, u fil-ĠU 2017, L 20, p. 2.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa min-Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel (il-Belġju) fit-13 ta' April 2022 – VITOL SA vs Belgische Staat

(Kawża C-268/22)

(2022/C 318/30)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Qorti tar-rinviju

Nederlandstalige rechtbank van eerste aanleg Brussel

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: VITOL SA

Konvenut: Belgische Staat

Domanda preliminari

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 1194/2013 tad-19 ta' Novembru 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja ⁽¹⁾, kif emendat permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1578 tat-18 ta' Settembru 2017 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1194/2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tal-bijodiżil li joriġinaw mill-Arġentina u l-Indoneżja ⁽²⁾, imur kontra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽³⁾, għar-raġuni, fost l-oħrajn, li:

- ma ntweriex li l-kundizzjonijiet li jippermettu li ssir devjazzjoni mill-infiq marbut mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott simili, kif jidhru fir-reġistri tal-prodotturi-esportaturi tal-Arġentina taħt investigazzjoni, ġew issodisfatti fil-kuntest tal-kalkolu tal-valur normali tal-prodott simili, skont ir-regola stabbilita fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament Bażiku;
- l-effetti tal-importazzjoni kienu s-suġġett ta' evalwazzjoni kumulattiva żbaljata, skont l-Artikolu 3(4) tar-Regolament Bażiku u għaldaqstant ma kienx hemm provi suffiċjenti ta' importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping li jikkawża ħsara fis-sens tar-Regolament Bażiku, skont l-Artikolu 3(6) u (7) tar-Regolament Bażiku,
- u għaldaqstant ma ġie kkonstatat l-ebda dumping u l-ebda dazju antidumping ma seta' jiġi impost fis-sens tal-Artikolu 1 tar-Regolament Bażiku?

⁽¹⁾ ĠU 2013, L 315, p. 2.

⁽²⁾ ĠU 2017, L 239, p. 9.

⁽³⁾ ĠU 2009, L 343, p. 51; rettifiki fil-ĠU 2010, L 7, p. 22, ĠU 2011, L 293, p. 39, ĠU 2016, L 44, p. 20.